*skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, biex jiġi eżaminat jekk persuna ngħatatx smigħ xieraq, trid tkun eżaminata t-totalità tal-proċeduri u mhux mument jew istanza partikolari tagħhom - Meta persuna tkun qiegħda tiffaċċja akkużi ta' natura kriminali, smigħ xieraq ifisser li l-proċess jingħalaq fi żmien raġonevoli u bil-garanziji xierqa, minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi, kif imfisser fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta -*

MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
## (Sede Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2023

Rikors Kostituzzjonali Numru 116/2023 LM

**Jeffrey Cassar (K.I. nru. 258584M)**

***vs.***

**L-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-Rikors imressaq fit-8 ta' Marzu, 2023 mir-rikorrent **Jeffrey Cassar (K.I. nru. 258584M)**, [minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrent'], fejn issottometta dan li ġej:

*"Jesponi bir-rispett:*

***<u>Il-fatti:</u>***

*Illi r-rikorrent ġie mixli quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar it-13 ta' Novembru, 2015 u fil-ġranet ta' wara minn ġewwa s-Swieqi u/jew viċinanzi, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'intenzjoni waħda inter alia approprija ruħhu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li ġiet fdata jew ikkunsinjata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu speċifiku minnha.*

*Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-20 ta' Ġunju tas-sena 2022, ir-rikorrenti ma nstabx ħati tal-akkużi kollha kif dedotti kontrih u kwindi ġie liberat minnu.*

*Minkejja dan kollu l-Avukat Ġenerali permezz ta' rikors ta' appell ippreżentat nhar it-12 ta' Lulju, 2022 talab lill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u minflok tgħaddi sabiex issib lir-rikorrenti ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tinfliġġi piena skont il-liġi.*

*Illi b'sentenza mogħtija fit-22 ta' Novembru tas-sena 2022 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Appell Numru 933/2015) ġie deċiż kif ġej:*

> "Din il-Qorti għalhekk qiegħda, wara li rat l-artikoli 49, 50 u 293 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tilqa' t-talba tal-Avukat Ġenerali sabiex tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dan illi qed issibu ħati tat-tielet akkuża u talli huwa reċidiv u tikkundannah tmintax-il xahar priġunerija u tiddikjara li ma ssibux ħati tal-akkużi l-oħra u tilliberah minnhom."

***L-ilment Kostituzzjonali***

*Ir-rikorrenti jisħaq li fl-eżerċizzju tal-għarbiel tal-provi hekk kif magħmul mill-Qorti tal-Appell Kriminali, liema għarbiel u konsiderazzjonijiet ġew ampjament imsemmija u spjegati permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ta' nhar it-22 ta' Novembru, 2022 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Jeffrey Cassar', seħħew żbalji legali, in kwantu li b'mod erroneju ġew ikkunsidrati ai fini ta' sejbien ta' ħtija provi illi huma legalment inammissibbli u li konsegwentement ma kellhom l-ebda piż probatorju ai fini ta' għarbiel ta' provi.*

*Ai fini ta' kjarifika u sabiex jiġi evitat kull malintiż, il-partijiet rilevanti ai fini ta' dan l-ilment kostituzzjonali qegħdin jiġu hawn ċitati:*

> "Meta l-fatti ta' dan il-każ u l-provi prodotti mill-Prosekussjoni jiġu kkunsidrati fid-dawl tal-prinċipji ġuridiċi appena ċitati, il-Qorti hija tal-fehma li bla dubju ta' xejn tirriżulta ħtija da parte tal-imputat għar-reat ta' approprjazzjoni indebita kif lilu addebitat bl-imputazzjoni. Huwa evidenti li bil-provi prodotti l-Prosekuzzjoni **kif ukoll minn dak li stqarr l-appellat fl-istqarrija tiegħu stess** il-Prosekuzzjoni rnexxielha lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-appellat b'xi mod għamel użu divers minn dak speċifikat għall-benefiċċju tiegħu stess" (fn. 1 vide fol. 21 tas-sentenza mogħtija fit-22 ta' Novembru tas-sena 2022 mill-

Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Appell Numru 933/2015) (emfasi tar-rikorrenti).

*In oltre fl-istess konsiderazzjonijiet, il-Qorti tal-Appell tagħmel referenza oħra għall-istqarrija rilaxxata mir-rikorrenti* a tempo vergine*:*

"Din il-Qorti ma temminx **l-ispjegazzjoni magħmula mill-appellat fl-istqarrija tiegħu** li ġie derubat u dan għaliex fl-atti ma hemm l-ebda prova ċkejkna li dan kien seħħ u korroborazzjoni ta' din l-allegazzjoni ma hemmx" (fn. 2 Vide fol. 22 tas-sentenza mogħtija fit-22 ta' Novembru tas-sena 2022 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Appell Numru 933/2015).

*Tali stqarrija (fn. 3 Illi effettivament ġiet ippreżentata fil-proċeduri kriminali istitwiti fil-konfront tar-rikorrenti u ġiet immarkata bħala TM5 a fol. 30 tal-atti proċesswali) illi, kif jemerġi mill-brani supra ċitati kienet ikkunsidrata ai fini ta' sejbien ta' ħtija, fl-umli fehma tar-rikorrenti u tenut kont tal-ġurisprudenza u l-istudju in materja, ittieħdet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu hekk kif salvagwardjati mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*Fil-fatt kif jemerġi minn Dok. TM5 esebita a fol. 30 tal-proċess kriminali supra riferit, ossia l-istqarrija rilaxxata mir-rikorrenti nhar il-21 ta' Novembru, 2015, l-uniku dritt illi ngħata r-rikorrenti kien biex ikellem lill-avukat jew il-prokuratur legali tal-għażla tiegħu u f'każ li jkellem lill-avukat, tidħol fis-seħħ il-liġi tal-inferenza.*

*Fid-dawl tas-suespost, l-esponenti jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***'Il-Pulizija vs Carmelo sive Charles Grech'*** *deċiża nhar is-6 ta' Diċembru, 2018 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera fejn fuq skorta ta' każistika ġie ritenut illi:*

"Illi għalhekk fil-każ odjern, minkejja li l-Ewwel Qorti straħet fuq sentenza li kienet u għadha sal-lum il-ġurnata mhux res judicata meta għaddiet biex tiskarta l-istqarrija rilaxxata, mhuwiex ikkontestat mill-ebda mill-partijiet li l-imputat għalkemm qabel irrilaxxa l-istqarrija kien ikkonsulta ma' Avukat, matul l-interrogatorju ma kienx assistit minn Avukat u dan tenut kont tal-fatt li l-liġi dak iż-żmien ma kinitx tipprovdi għal dak id-dritt ...

Minkejja li s-sentenza 'Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella' li abbażi tagħha l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata ddeċidiet li tiskarta l-istqarrija tal-imputat għadha ma għaddietx in ġudikat, dik is-sentenza għamlet analiżi dettaljata ta' sentenzi inkluż dawk mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem rigwardanti d-dritt li suspettat ikun assistit minn Avukat waqt l-għoti tal-istqarrija. In oltre, kemm abbażi tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru, 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-

ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà li ġiet trasposta fil-liġi Maltija kif ukoll abbażi tal-iżvilupp li sar fis-sentenzi mogħtija mill-Qrati Maltin in segwitu ta' deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, din il-Qorti taqbel li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ddeċidiet li tiskarta l-istqarrija tal-imputat mogħtija fis-sittax (16) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012). Din il-Qorti biss però tagħmilha ċara li l-allegazzjonijiet serji mressqa mill-imputat fil-konfront tal-Ispettur Angelo Gafà ma għandhom l-ebda piż fuq id-deċiżjoni li tiġi skartata l-istqarrija."

*Referenza qiegħda ssir ukoll għal sentenza oħra tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet* ***'Morgan Onuorah vs Avukat Ġenerali'*** *deċiża nhar is-27 ta' Jannar, 2021 fejn ġie ritenut illi:*

"Kif diġà ssemma, il-fatt waħdu li saret l-interrogazzjoni mhux fil-preżenza ta' avukat ta' fiduċja tal-attur mhuwiex biżżejjed sabiex jagħti lok għall-ksur tad-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq. Madanakollu l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali, li fiha l-attur ammetta għal uħud mir-reati li akkużat biha, taf twassal sabiex iseħħ dak il-ksur tal-jedd fundamentali. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra l-ġurisprudenza ampja tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li issa ilha s-snin tirrepeti l-istess insenjament.

27. Li s-suspettat jitkellem ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, l-assistenza ta' avukat wara li tkun saret l-interrogazzjoni u n-natura adversarial tal-kawża kriminali sussegwenti, mhumiex garanzija adegwata li jirrimedjaw għad-difett li s-suspettat ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni li saret meta kien taħt arrest."

*Illi fid-dawl ta' dak hawn fuq spjegat u konsegwentement fir-rigward tal-mod kif il-Qrati nostrana kkunsidraw l-istqarrija rilaxxata mill-esponenti, liema stqarrija fl-umli fehma tar-rikorrenti kellha tiġi skartata, l-esponenti jemmen illi dan sar b'nuqqas serju tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja li konsegwentement wassal sabiex l-esponenti jiġi mċaħħad mid-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kif protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem stante li tali żball kruċjali wassal sabiex inġustament huwa nstab ħati.*

*Abbażi tas-suespost, l-esponenti jagħmel referenza għat-tagħlim tal-awturi Van Dijk u Van Hoof, fil-ktieb, "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (Kluwer Law International) (The Hague) 1998" fejn ġie ritenut illi:*

"When is a hearing "fair"? In the Kaska case, the Court took as a starting point that the purpose of Article 6 is, inter alia: "... to place the "tribunal" under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and

> evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessments of whether they are relevant to its decision."

*Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'dan ir-rigward f'sentenza deċiża nhar il-15 ta' Novembru, 2007 fl-ismijiet **<u>'Khamidov vs Russia'</u>** (fn. 4 Nru. tal-applikazzjoni 72118/01) irriteniet illi:*

> "173. On the other hand, whilst acknowledging the domestic judicial authorities' prerogative to assess the evidence and decide what is relevant and admissible, the Court reiterates that Article 6 §1 places the "tribunal" under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties (see Van de Hurk v. The Netherlands, judgment of 19 April 1994, Series A no. 288, p. 19, § 59)."

*In vista tas-suespost, qiegħda ssir referenza għal dak mgħallem minn Karen Reid permezz tal-pubblikazzjoni tagħha "*A practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights":

> "While the conformity of a trial with the requirements of Article 6 must be assessed on the basis of the trial as a whole, a particular incident may assume such importance as to constitute a decisive factor in the general appraisal of the trial overall."

*Fid-dawl ta' dan in-nuqqas illi sar fl-istadju tal-apprezzament tal-provi u kif tali apprezzament żbaljat impinġa fuq is-sejbien tal-ħtija u konsegwentement fuq id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, l-esponenti jagħmel referenza għal sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **<u>'Carmel Saliba vs Malta'</u>** (fn. 5 Nru. tal-applikazzjoni 24221/13) deċiża nhar l-24 ta' April, 2017 fejn il-Qorti ddeċidiet:*

> "79. The Court considers that the various failures mentioned above, might not individually suffice to find that the applicant had an unfair trial. Nevertheless, the Court cannot ignore the various shortcomings in the proceedings in the present case, particularly the failure to give reasons in respect of the conflicting evidence (see paragraphs ]69-74 above) and in respect of the applicant's requests which were shot down with little or no motivation whatsoever (see paragraphs 76 and 77 above).
>
> 80. The foregoing considerations are sufficient to enable the Court to conclude that there had been a violation of Article 6 § 1 of the Convention."

*Dan kollu jorbot ma' dak mgħallem mill-Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera permezz tal-pubblikazzjoni tagħha intitolata 'Four Cardinal Rights of a suspect prior to an investigation' fejn ġie ritenut illi:*

> "In other words, an illegally obtained piece of evidence can contaminate the whole criminal process."

*Konsegwentement fid-dawl tal-fatt illi tali stqarrija ttieħdet mingħajr ma r-rikorrenti ngħata d-dritt illi jkollu avukat tal-għażla tiegħu preżenti għal matul tali stqarrija kif ukoll in vista tal-fatt illi tali stqarrija kienet effettivament ikkunsidrata ai fini ta' sejbien ta' ħtija, ir-rikorrenti jemmen bis-sħiħ illi d-drittijiet fundamentali tiegħu ġew leżi.*

***Konklużjoni***

*Fid-dawl tas-suespost l-esponent umilment jisħaq li huwa ampjament ċar li ġew leżi l-imsemmija drittijiet fundamentali tiegħu. Għaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara l-aġir tal-intimati jew min minnhom, illegali u li jilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti billi jiksru l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, jew liem minnhom; u*
2. *Tagħti dawk l-ordnijiet u direttivi oħra li jidhrilha xierqa skont il-liġi u ċirkostanzi tal-każ."*

2. Rat ir-risposta tal-intimati **Avukat tal-Istat** u l-**Avukat Ġenerali** [minn issa 'l quddiem 'l-intimati Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali'] ippreżentata fil-11 ta' April, 2023, fejn ġie eċċepit is-segwenti:

*"Jesponu bir-rispett:*

*Illi r-rikorrenti nstab ħati ta' approprjazzjoni indebita u talli huwa reċediv u ġie kkundannat tmintax-il xahar priġunerija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali permezz ta' sentenza fl-ismijiet <u>Il-Pulizija (Spettur Trevor Micallef) vs Jeffrey Cassar (appell Nru: 933/2015)</u> deċiża fit-22 ta' Novembru, 2022;*

*Illi permezz tal-kawża kostituzzjonali odjerna, ir-rikorrent qiegħed jallega illi l-fatt li l-istqarrija li kien irrilaxxa meta kien ġie interrogat mill-Pulizija ttieħdet mingħajr ma r-rikorrenti ngħata d-dritt li jkollu avukat tal-għażla tiegħu preżenti matul l-istqarrija u in vista tal-fatt li l-istess stqarrija kienet ikkunsidrata ai fini ta' sejbien ta' ħtija jiksrulu d-drittijiet tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;*

*Illi l-esponenti qegħdin umilment iressqu s-segwenti eċċezzjonijiet sabiex iwieġbu għal tali allegazzjonijiet:*

1. *Illi preliminarjament, l-esponenti jeċċepixxu illi r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji ordinarji disponibbli għalih. Jiġi umilment sottomess illi l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, bħall-Qorti tal-Appell Kriminali,*

*għamlet referenza għall-istqarrija tar-rikorrent fis-sentenza tagħha iżda r-rikorrent la fil-mori tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati nnifisha u lanqas fil-mori tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (meta l-Qorti tal-Maġistrati kienet diġà ppronunzjat ruħha u rreferiet għall-istqarrija tar-rikorrent) ma ressaq xi forma ta' ilment permezz ta' liema talab illi l-istqarrija tiegħu għandha tiġi skartata jew b'xi mod sfilzata. Huwa kellu kull possibilità ta' opportunità li jagħmel dan f'kull stadju tal-proċeduri kriminali kontrih iżda dan m'għamlux. Dan juri kemm veru l-fatt waħdu li ma kellux avukat preżenti waqt li rrilaxxa l-istqarrija tiegħu ma kisirlu l-ebda jedd fundamentali stante li qajjem dan il-punt biss wara li l-Qorti tal-Appell Kriminali, **wara li studjat il-provi kollha prodotti mill-partijiet, inkluż ix-xhieda tal-vittma tar-reat in kwistjoni**, irrevokat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (fejn ir-rikorrent ġie lliberat mill-akkużi miġjuba kontrih) u sabitu ħati ta' approprjazzjoni indebita u talli huwa reċidiv u kkundannatu għal piena ta' tmintax-il xahar priġunerija. Dan kollu juri biċ-ċar li mhuwiex minnu li r-rikorrent verament jemmen li l-fatt li ma ngħatax id-dritt illi jkollu l-avukat tal-għażla tiegħu preżenti matul l-istqarrija jilledilu d-drittijiet fundamentali tiegħu iżda qiegħed juża l-proċeduri kostituzzjonali bħala attentat sabiex jaħrab il-konsegwenzi ta' għemilu. In vista tal-fatt li r-**rikorrent ma eżawriex ir-rimedji ordinarji li kienu disponibbli għalih**, l-esponenti umilment jissottomettu illi din l-Onorabbli Qorti għandha tirrifjuta illi teżerċita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha kif jikkontemplaw il-provisos tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi preliminarjament ukoll, l-esponenti Avukat Ġenerali teċċepixxi illi hija mhijiex il-leġittimu kontradittur għall-pretenzjonijiet tar-rikorrent u għalhekk għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;*

3. *Illi bla ħsara għas-suespost, l-esponenti jeċċepixxu illi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdu għad-dritt ta' smigħ xieraq u mhux id-dritt li tkun assistit minn Avukat qabel jew matul ir-rilaxx tal-istqarrija. Għaldaqstant ma hemmx ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

4. *Illi bla ħsara għas-suespost, il-Qorti Kostituzzjonali f'diversi sentenzi għamlitha ċara li stqarrijiet rilaxxati mingħajr assistenza ta' Avukat, ma jikkostitwixxux **ipso facto** leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq. L-istqarrija ma tistax tiġi kkunsidrata f'iżolament, mingħajr ma jittieħed qies tal-bqija tal-evidenza u proċeduri. Marbut ma' dan, id-**dritt għal smigħ xieraq għandu jiġi kkunsidrat billi jittieħed qies it-totalità tal-proċeduri fl-intier tagħhom u mhux mument partikolari jew episodju waħdieni u iżolat.** Sabiex wieħed jiddetermina jekk hemmx leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq, wieħed għandu jikkunsidra l-*

*proċeduri fit-totalità tagħhom, flimkien mal-kondotta tal-Qorti, u kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu protetti mill-Qorti, inkluż is-salvagwardji proċedurali għad-dritt għal smigħ xieraq. Wieħed ma jistax jistrieħ fuq parti waħda biss mill-proċeduri jew fil-każ odjern parti mill-istadju tal-*pre-trial *biex jiddetermina jekk kien hemm leżjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Eworpea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

5. *Illi bla ħsara għas-suespost, l-esponenti jissottomettu li r-rikorrent ma kienx kompletament imċaħħad aċċess għal Avukat matul l-istadju tal-*pre-trial, *fil-fatt ir-rikorrent ingħata d-drittijiet tiegħu skont kif kienet il-liġi nazzjonali dak iż-żmien. Huwa ngħata d-dritt li jikkonsulta ma' Avukat qabel il-bidu tal-interrogazzjoni. Huwa kien mogħti t-twissijiet u infurmat bid-drittijiet tiegħu, inkluż id-dritt li jibqa' sieket;*

6. *Illi bla ħsara għas-suespost, l-esponenti jagħmlu referenza għas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-*Grand Chamber *fl-ismijiet '<u>Beuze vs. Belgium</u>' (fn. 1 Deċiża fid-9 ta' Novembru, 2018 (Applikazzjoni numru 71409/10) u '<u>Farrugia vs Malta</u>' (fn. 2 Deċiża fl-4 ta' Ġunju, 2019 u reża finali fis-7 ta' Ottubru, 2019 (Applikazzjoni numru 63041/13). Il-Qorti Ewropea qieset li f'każ li jkun hemm restrizzjoni għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju, ma jkunx hemm ksur għad-dritt għal smigħ xieraq b'mod awtomatiku iżda f'dawk il-każijiet ikunu jridu jiġu applikati żewġ testijiet: (a) it-test tal-eżistenza tal-*compelling reasons; *u f'każ li tali* compelling reasons *ma jirriżultawx (b) it-test tal-*overall fairness *tal-proċeduri. Il-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea fis-sentenza fl-ismijiet '<u>Beuze vs Belgium</u>' (fn. 3 Deċiża fid-9 ta' Novembru, 2018 (Applikazzjoni numru 71409/10) elenkat il-fatturi segwenti li kellhom jittieħdu in kunsiderazzjoni fil-kuntest tal-*overall fairness assessment:

   '(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;
   (b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;
   (c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;
   (d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;
   (e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from another violation of another Convention Article, the nature of the violation found;

(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;

(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;

(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;

(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and

(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.'

7. *Illi għalhekk wieħed irid janalizza l-*contextual circumstances *tar-rikorrent innifsu. L-esponenti umilment jissottomettu illi r-rikorrent:*

*a. Volontarjament irrilaxxa stqarrija, mingħajr ma ġie mġiegħel jew meħud b'theddid jew b'biża', u mingħajr wegħdiet u lanqas bi twebbil ta' vantaġġi; (fn. 4 ara fol. 31 tal-atti kriminali)*

*b. Ingħata d-dritt li jikkonsulta ma' Avukat tal-għażla tiegħu qabel l-interrogazzjoni, iżda ma ngħatax id-dritt li jkollu Avukat tal-għażla tiegħu preżenti matul l-interrogazzjoni peress li dak iż-żmien il-liġi tagħna ma kinitx tipprovdi għal tali dritt. L-istqarrija ttieħdet a tenur tal-liġi applikabbli fiż-żmien li matulu kienet magħmula; (fn. 5 ara fol. 29-30 tal-atti kriminali)*

*c. Kien mogħti t-twissija skont il-liġi u hu fehem iċ-ċirkostanzi li kien jinsab fihom; (fn. 6 ara fol. 29-30 tal-atti kriminali)*

*d. Kien debitament imwissi u mogħti d-drittijiet tiegħu; (fn. 7 ara fol. 30 tal-atti kriminali)*

*e. Ma kienx persuna vulnerabbli fil-ħin tal-arrest – jekk wieħed jara l-fedina penali tar-rikorrent, wieħed mal-ewwel jirrealizza dan. (fn. 8 ara fol. 13-25 u fol. 99-129 tal-atti kriminali)*

*f. Kemm quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u kemm quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, kellu kull opportunità li jikkontesta l-istqarrija matul il-proċeduri iżda dan m'għamlux;*

*g. Kien infurmat bid-dritt tiegħu li jibqa' sieket; (fn. 9 ara fol. 30 tal-atti kriminali)*

*h. Kellu kull opportunità li jagħmel kontro-eżami tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni, xi ħaġa li fil-fatt għamel; (fn. 10 ara fol. 35-36, fol. 44, fol. 48 u fol.53-55 tal-atti kriminali)*

*i. Kien assistit minn Avukat matul il-proċeduri kollha.*

*L-esponenti jissottomettu li għalkemm dovuta konsiderazzjoni għandha tingħata lid-drittijiet tar-rikorrent, konsiderazzjoni ugwali għandha tingħata lill-interessi tas-soċjetà u l-interessi tal-vittma. Għaldaqstant is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li qiegħda tiġi attakkata mill-akkużat ma tivvjolax id-dritt għal smigħ xieraq tal-akkużat a tenur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

8. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jirriżulta ukoll li l-provi tal-Prosekuzzjoni kontra r-rikorrent ma kinux jikkonsistu biss mill-istqarrija, iżda anke* inter alia *mix-xhieda tal-vittma. Barra minn hekk, jekk wieħed jifli s-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali tat-22 ta' Novembru, 2022, jirriżulta b'mod ċar illi ċertament, l-istqarrija tar-rikorrent ma kinitx l-unika bażi li fuqha ġiet determinata l-ħtija għaliex il-Prosekuzzjoni ressqet provi inkriminanti oħrajn li ġew ikkunsidrati bir-reqqa mill-Qorti tal-Appell Kriminali;*

9. *Illi bla ħsara għas-suespost, għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur ta' dritt għal smigħ xieraq kif protett permezz tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, jekk din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi li dawn l-Artikoli japplikaw għall-każ odjern, l-esponenti jeċċepixxu li l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali jipprovdu li sabiex jiġi garantit id-dritt għal smigħ xieraq, is-smigħ għandu jsir fi żmien raġonevoli, u jinstema' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Jeżistu salvagwardji biżżejjed fid-dritt proċedurali nostrali sabiex jovvjaw għal kull periklu ta' leżjoni ta' smigħ xieraq, liema salvagwardji jiggarantixxu proċess xieraq u smigħ ġust. Fil-każ odjern, il-proċeduri kriminali inżammu u ġew determinati minn Qorti indipendenti u imparzjali, ir-rikorrent kellu aċċess għall-Qorti, is-smigħ sar fil-preżenza tar-rikorrent, kien debitament assistit, il-partijiet ġew trattati b'mod ugwali mingħajr ebda vantaġġ proċedurali minn xi persuna fuq oħra, ir-rikorrent ingħata l-opportunità kollha biex jiddefendi l-każ tiegħu mingħajr xkiel u r-rikorrent ingħata ż-żmien u l-faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tal-każ tiegħu. (fn. 11 ara* inter alia *verbal tas-seduta tas-17 ta' Jannar, 2022 a fol. 75 tal-atti kriminali)*

10. *Illi bla ħsara għas-suespost, jirriżulta li kien hemm evoluzzjoni fil-ġurisprudenza li għadha għaddejja, li mexxiet mill-każ ta' 'Salduz vs Turkey' (fn. 12 Deċiża mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-27 ta' Novembru, 2008 (Applikazzjoni numru 36391/02) u kif sottomess, il-Qorti Ewropea inkluż il-Grand Chamber fis-sentenza fl-ismijiet 'Beuze vs Belgium' (fn. 13 Deċiża fid-9 ta' Novembru, 2018 (Applikazzjoni numru 71409/10) riċentement enfasizzat li wieħed għandu jikkunsidra l-*overall fairness *tal-proċeduri. Il-ġurisprudenza dwar dan is-suġġett evolviet fis-sens li l-fatt waħdu*

*li stqarrija hija rilaxxata mingħajr l-assistenza legali ma jirrendihiex prova inammissibbli u ma tammontax għal vjolazzjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Wara kollox, ma huwiex ikkontestat illi l-Qrati penali għandhom l-għarfien u l-għodda kollha sabiex meta jiġu biex jevalwaw il-valur probatorju tal-provi li jkollhom quddiemhom dan isir anke in konsiderazzjoni tat-tagħlim ġurisprudenzjali tal-Qorti Kostituzzjonali u tal-Qorti ta' Strasburgu. Tajjeb jingħad li fil-każ odjern, il-ħtija tar-rikorrent ġiet determinata mill-Qorti tal-Appell Kriminali nnifisha u mhux minn ġurati;*

11. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-liġi tagħna m'għandhniex id-duttrina tal-*fruit of the forbidden tree. *Dan ifisser li anke li kieku għas-saħħa tal-argument biss, l-istqarrija kienet rilaxxata b'mod illegali, il-Qorti xorta waħda setgħet tieħu l-istess stqarrija in konsiderazzjoni;*
12. *Għaldaqstant ma hemm l-ebda leżjoni tal-artikoli msemmija. Konsegwentement, it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda.*
13. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta' Settembru, 2023, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jagħmlu n-noti ta' sottomissjonijiet, u fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

3. Ir-rikorrent ġie mixli quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li fit-13 ta' Novembru, 2015 u fil-ġranet ta' wara, kien approprja ruħu jew dawwar bi profitt għalih jew għal terzi minn ħaġa ta' ħaddieħor li ġiet fdata jew ikkonsenjata lilu taħt ċirkostanzi li jindikaw li hemm

l-obbligu tar-radd tal-ħaġa. Fir-rikors promotur, ir-rikorrent spjega li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali bis-sentenza tal-20 ta' Ġunju, 2022 ma sabitux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih, iżda sussegwentement sar appell mill-Avukat Ġenerali, u fit-22 ta' Novembru, 2022 ngħatat sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fejn huwa nstab ħati ta' uħud mill-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u li kien reċidiv, u għalhekk ingħata piena karċerarja effettiva ta' tmintax-il xahar. Ir-rikorrent qal li sabiex kien hemm sejbien ta' ħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), saru żbalji legali li wasslu biex ġew ikkunsidrati provi li huma legalment inammissibbli u li ma kellhom l-ebda piż probatorju għall-fini tal-evalwazzjoni tal-provi li kellha ssir minn qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali. Spjega li huwa kien irrilaxxa stqarrija lill-Pulizija mingħajr ma kien assistit minn avukat waqt l-interrogatorju, u l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ma emmnitx l-istqarrija rilaxxata minnu, u kien għalhekk li huwa nstab ħati tal-akkużi miġjuba kontrih. Ir-rikorrent kien stqarr mal-Pulizija li kien hemm terza persuna li serqet il-ġojjelli li huwa kien ħa mill-ħanut ta' ċertu Raphael Azzopardi, u dan meta dawn il-ġojjelli ġew fdati lilu bil-ħsieb u bl-intenzjoni li r-rikorrent jirritorna dak li ma kienx ser jixtri u jħallas għall-oġġetti li kien beħsiebu jixtri. Qal li l-istqarrija rilaxxata minnu saret bi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif salvagwardjati bil-Kostituzzjoni ta' Malta u bil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, għaliex din l-istqarrija ntużat għall-fini ta' sejbien ta' ħtija. Ir-rikorrent għalhekk qiegħed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li l-aġir tal-intimati, jew min minnhom, huwa illegali stante li jilledi d-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, u talab lil din il-Qorti tagħti dawk l-ordnijiet u direttivi kollha li jidhrilha xierqa skont il-liġi.

4. Min-naħa tagħhom l-intimati eċċepew preliminarjament li (i) ir-rikorrent naqas milli jeżawrixxi r-rimedji ordinarji li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu; (ii) li l-Avukat Ġenerali mhijiex leġittima kontradittriċi f'dawn il-proċeduri. Fil-mertu eċċepew li: (a) l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, minkejja li jipproteġu d-dritt għal smigħ xieraq, ma jagħtux id-dritt lil persuna suspettata li tkun assistita minn avukat ta' fiduċja tagħha waqt l-interrogazzjoni; (b) li l-Qorti Kostituzzjonali għamiltha ċara diversi drabi li stqarrijiet rilaxxati mingħajr l-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni ma jammontawx *ipso facto* għal ksur tad-dritt għal smigħ xieraq, għaliex stqarrijiet bħal dawn iridu jiġu eżaminati fid-dawl tal-kumplament tal-provi mressqa quddiem il-Qorti; (ċ) ir-rikorrent ma kienx imċaħħad mid-dritt għal avukat, iżda ingħata d-drittijiet tiegħu skont kif kienet il-liġi dak iż-żmien, tant hu hekk li ngħata s-solita twissija, ġie infurmat bid-drittijiet tiegħu, u anki ġie infurmat li kellu d-dritt tas-silenzju. L-intimati qalu li ġurisprudenza riċenti tgħid li allegazzjonijiet bħal dawk li qiegħed jagħmel ir-rikorrent, għandhom jiġu evalwati fid-dawl tal-eżistenza tal-*compelling reasons* u f'każ li dawn ma jirriżultawx, trid tiġi kkonsidrata l-*overall fairness* tal-proċeduri. L-intimati qalu li wieħed irid iqis ukoll il-kuntest taċ-ċirkostanzi li fihom seħħew il-fatti marbuta mal-każ, u qalu li r-rikorrent ma kienx imġiegħel jirrilaxxa l-istqarrija, iżda għamel dan b'mod volontarju. Qalu wkoll li r-rikorrent ingħata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat tal-għażla tiegħu qabel l-interrogazzjoni, għaliex il-liġi dak iż-żmien ma kinitx tipprovdi għal dritt bħal dan waqt l-interrogazzjoni. Qalu wkoll li għandu jirriżulta li r-rikorrent ma kienx persuna vulnerabbli skont il-liġi, hekk kif jirriżulta mill-fedina penali tiegħu, u li huwa ġie infurmat li kellu d-dritt li jibqa' sieket. L-intimati qalu li f'dan il-każ kien hemm provi inkriminanti oħra li wasslu għad-deċiżjoni ta' sejbien ta' ħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede

Inferjuri), u għalhekk l-eżami dwar jekk ir-rikorrent ingħatax smigħ xieraq jew le, irid isir fil-kuntest taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

**Provi u riżultanzi**

5. Fl-*affidavit* tiegħu, ir-rikorrent qal[1] li huwa kien ġie akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, li fit-13 ta' Novembru, 2015 u fil-ġranet ta' wara, minn ġewwa s-Swieqi u/jew fil-viċinanzi, kien approprja ruħhu, billi dawwar bi profitt għalih minn ħwejjeġ ta' ħaddieħor f'ċirkostanzi fejn kien hemm l-obbligu tar-radd tal-ħaġa. Qal li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma sabitux ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu, iżda huwa nstab ħati mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ta' approprjazzjoni indebita u li huwa reċidiv, u għalhekk kien ikkundannat għal piena effettiva ta' tmintax-il xahar ħabs. Qal li sabiex il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) sabet ħtija, din ikkonsidrat stqarrija rilaxxata minnu fil-21 ta' Novembru, 2015. Qal li qabel irrilaxxa din l-istqarrija, huwa ġie infurmat li kellu dritt ikellem avukat jew prokuratur legali tal-għażla tiegħu, u li f'każ li jagħmel dan, kienet ser tidħol fis-seħħ ir-regola tal-inferenza. Qal li huwa ma ngħatax l-opportunità li jkollu avukat tal-għażla tiegħu waqt it-teħid tal-istqarrija.

**Konsiderazzjonijiet legali**

6. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrent isostni li huwa l-fatt li tidħol fis-seħħ il-liġi tal-inferenza f'każ li s-suspettat jagħżel li jkellem avukat tal-għażla tiegħu, li jammonta għal leżjoni tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq. Però l-Qorti tirrileva li fir-rikors promutur, ir-rikorrent sostna li l-ksur tal-

[1] *A fol.* 22 tal-proċess.

jeddijiet fundamentali tiegħu protetti bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [hawnhekk 'il-Kostituzzjoni'] u bl-artikolu 6 tal- Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali [hawnhekk 'il-Konvenzjoni Ewropea'], seħħ ladarba il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) sabiex waslet għal sejbien ta' ħtija, ikkunsidrat stqarrija rilaxxata mir-rikorrent meta ma kienx assistit minn avukat tal-għażla tiegħu. Id-difiża tal-intimati hija mibnija fuq din il-kawżali li fuqha r-rikorrent ibbaża l-azzjoni tiegħu, u huma l-premessi u t-talbiet kif ifformulati fir-rikors promutur li jsawru l-azzjoni intentata mir-rikorrent fil-kawża tiegħu. Il-Qorti tqis illi n-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent tmur lilhinn mill-premessi u t-talbiet tiegħu fir-rikors promotur. Għaldaqstant il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-eċċezzjonijiet tal-intimati fid-dawl tal-premessi u t-talbiet imressqa mir-rikorrent fir-rikors promutur.

7. Fl-ewwel lok, l-intimati jgħidu li r-rikorrent naqas milli juża r-rimedji ordinarji disponibbli għalih, billi ma talabx l-isfilz tal-istqarrija mogħtija minnu mill-atti tal-proċess kriminali, u għalhekk din il-Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha. Mill-atti tal-proċeduri kriminali, li ġew annessi mal-atti tal-proċeduri odjerni, jirriżulta li r-rikorrent ma kienx assistit minn avukat meta rrilaxxa l-istqarrija tiegħu. Jirriżulta wkoll li issa li l-proċeduri kriminali ġew deċiżi u r-rikorrent instab ħati, huwa resaq quddiem din il-Qorti fejn qiegħed jitlob li jiġi ddikjarat li huwa ma ngħatax smigħ xieraq proprju għaliex meta rrilaxxa l-istqarrija tiegħu, huwa ma kienx assistit minn avukat tal-għażla tiegħu. L-ilment tar-rikorrent f'dan l-istadju huwa ta' indoli kostituzzjonali u konvenzjonali , fis-sens li f'dan l-istadju r-rikorrent qiegħed jattakka l-liġi jew il-proċedura kif kienet fiż-żmien rilevanti, u għalhekk bilfors kellu jadixxi lil din il-Qorti sabiex tisma' l-lanjanza tiegħu. L-interess tar-rikorrent

f'dan l-istadju huwa li l-jeddijiet fundamentali tiegħu jiġu mħarsa. Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, li jagħtu lil din il-Qorti ġurisdizzjoni oriġinali biex tisma' ilmenti dwar allegat ksur tad-drittijiet fundamentali kif sanċiti permezz ta' dak l-Att u anki permezz tal-artikoli 33 sa 45 (magħdudin) tal-Kostituzzjoni, huma ċari u ma jagħtu l-ebda ġurisdizzjoni residwa jew xort'oħra lil xi qorti oħra jew tribunal ieħor sabiex jiġu ttrattati ilmenti dwar ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem. Għaldaqstant tqis li l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati mhijiex ġustifikata, u tiċħadha.

8. Permezz tat-tieni eċċezzjoni preliminari tagħhom, l-intimati jgħidu li l-Avukat Ġenerali mhijiex leġittima kontradittriċi f'dawn il-proċeduri. Il-Qorti fehmet li l-Avukat Ġenerali ġiet imħarrka bħala parti f'dawn il-proċeduri għaliex kienet hi li intavolat l-appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), li eventwalment sabet lir-rikorrent ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Minkejja dan, ċertament li l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ma kinitx regolata mill-Avukat Ġenerali, u għalhekk kwalunkwe ilment da parti tar-rikorrent maħsub biex jolqot il-mod kif tmexxew il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) m'għandhiex twieġeb għalih l-Avukat Ġenerali. Fi kwalunkwe każ, il-preżenza tal-Avukat tal-Istat in rappreżentanza tal-Gvern Malti fi proċeduri ta' din ix-xorta hija suffiċjenti in vista ta' dak li jipprovdi għalih l-artikolu 181B (2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

> "(2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern."

Għal din ir-raġuni, din l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati sejra tiġi milqugħa.

9. L-intimati jeċċepixxu wkoll li l-artikoli tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea li r-rikorrent qiegħed jinvoka l-protezzjoni tagħhom, huma maħsuba biex jassiguraw is-smigħ xieraq lir-rikorrent, u dawn id-drittijiet ma jagħtux il-jedd li suspettat ikun assistit minn avukat qabel jew matul ir-rilaxx tal-istqarrija tiegħu. Il-Qorti tirrileva li skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, biex jiġi eżaminat jekk persuna ngħatatx smigħ xieraq, trid tkun eżaminata t-totalità tal-proċeduri u mhux mument jew istanza partikolari tagħhom. Xi drabi lanqas fejn il-Qorti Kostituzzjonali sabet irregolarità fil-proċeduri, ma ġie stabbilit li hemm ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq, aħseb u ara fejn il-proċedura titmexxa skont il-liġi stabbilita kif applikabbli fiż-żmien rilevanti. Hekk fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Scicluna Gregorio sive Godwin *vs.* Avukat Ġenerali et**[2], ingħad illi:

> *"Biex jiġi determinat jekk hemmx vjolazzjoni tad-dritt tas-smigħ xieraq, il-valutazzjoni jew l-apprezzament ma għandux isir fuq xi inċident jew fattur iżolat f'dawk il-proċeduri iżda invece għandu jsir fil-konfront tal-proċess kollu, fl-assjem tiegħu."*

10. Fil-każ odjern ir-rikorrent ingħata d-drittijiet tiegħu skont il-liġi viġenti fiż-żmien rilevanti, ingħata d-debiti twissijiet, ġie infurmat bid-drittijiet tiegħu, inkluż bid-dritt tas-silenzju, u kien hu li għażel li jirrilaxxa stqarrija fejn qal li ma setax jirritorna l-ġojjelli fdati fil-pussess tiegħu għaliex dawn insterqu minn terza persuna li huwa kien f'relazzjoni magħha bil-moħbi tat-tfajla tiegħu. Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet li ma kinitx qiegħda temmen din l-istqarrija, anki minħabba nuqqas ta' provi li jsostnu din il-verżjoni tar-rikorrent, u użatha bħala waħda mir-raġunijiet li abbażi tagħhom ir-rikorrent instab ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Meta persuna tkun qiegħda tiffaċċja akkużi ta' natura kriminali, smigħ xieraq ifisser li l-proċess jingħalaq fi

[2] 15.10.2003.

żmien raġonevoli u bil-garanziji xierqa, minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi, kif imfisser fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali**[3]:

> *"14. Din il-qorti ttenni illi l-jedd li jagħtu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni huwa dak għal smigħ xieraq: ma hemm ebda jedd li kull min hu akkużat b'reat kriminali jiġi liberat minn dik l-akkuża, jew li, minħabba xi irregolarità, tkun xi tkun, min fuq il-fatti jinstab ħati għandu jitħalla jaħrab il-konsegwenzi ta' għemilu. Il-jedd għal smigħ xieraq jingħata kemm biex, wara proċess fi żmien raġonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex ħati ma jeħilx bi ħtija, u biex jingħata l-mezzi kollha meħtieġa għalhekk, u kemm biex min huwa tassew ħati ma jaħrabx il-konsegwenzi tal-ħtija tiegħu. Il-jedd għal smigħ xieraq ma jingħatax biex min hu tassew ħati jasal biex, b'xi mod jew ieħor, ma jweġibx tal-ħtija tiegħu. Jekk il-jedd għal smigħ xieraq, kif interpretat u applikat, iwassal għal hekk, mela hemm xi ħaġa ħażina ħafna fis-sistema tal-ħarsien tad-drittijiet."*

11. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ibrahim u oħrajn *v.* Ir-Renju Unit**[4], il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, qalet:

> *"250. The right to a fair trial under Article 6 § 1 is an unqualified right. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case (see* O'Halloran and Francis v. The United Kingdom [GC], nos 15809/,2 and 25624/02, § 53, ECHR 2007-III). *The Court's primary concern under Article 6 § 1 is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings (see, among many other authorities,* Taxquet v. Belgium [GC], no. 926/05, §84, ECHR 2010; and Schatschaschwili v. Germany [GC], no. 9154/10, § 101, ECHR 2015).
>
> *251. Compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident, although it cannot be excluded that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings …*
>
> *…*

[3] 08.10.2012.
[4] Q.E.D.B. 13.09.2016, rikk. 50541/08, 50571/08, 50573/08 u 403,51/09.

*262. The Court accordingly reiterates that in assessing whether there has been a breach of the right to a fair trial it is necessary to view the proceedings as a whole, and the Article 6 § 3 rights as specific aspects of the overall right to a fair trial rather than ends in themselves. The absence of compelling reasons does not, therefore, lead in itself to a finding of a violation of Article 6 of the Convention."*

12. Fil-każ odjern l-istqarrija tar-rikorrent ma kinitx l-unika prova li saħħet il-fehma tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) dwar il-ħtija tar-rikorrent meta ġiet biex tagħti d-deċiżjoni tagħha, għaliex kien hemm għadd ta' provi oħra li ġew meqjusa. Il-kuntest li fih seħħ dan kollu kien li r-rikorrent ta l-istqarrija tiegħu b'mod volontarju u mingħajr ma kien imġiegħel jagħmel dan, anzi stqarr li l-ġojjelli fdati fil-pussess tiegħu kienu nsterqu minn terza persuna sabiex jiġġustifika għalfejn naqas milli jmur lura fil-ħanut biex jirritorna dak li ma kienx ser iżomm u jħallas tiegħu, u għalhekk ir-rikorrent ħaseb li r-rilaxx ta' dik l-istqarrija kien ser jgħin il-każ tiegħu. Fi kwalunkwe każ, ir-rikorrent kellu d-dritt li jikkonsulta ma' avukat tal-għażla tiegħu qabel l-interrogazzjoni, u kif jirriżulta mill-atti, ingħata d-debiti twissijiet skont il-liġi. Kif ġustament jirrilevaw l-intimati, mill-kopja tal-fedina penali tiegħu esebita fl-atti, ma jirriżultax lanqas li r-rikorrent kien persuna vulnerabbli, għaliex din ma kinitx l-ewwel darba li xellef difru mal-ġustizzja. Jirriżulta wkoll li l-garanziji kollha li jipproteġu l-jedd għal smigħ xieraq kienu kollha fis-seħħ, u r-rikorrent kien assistit minn avukat ta' fiduċja tiegħu tul il-proċess kollu, salv meta rrilaxxa l-istqarrija tiegħu. Jirriżulta wkoll li minkejja li r-rikorrent kellu kull opportunità jikkontesta l-ammissibbilità tal-istqarrija tiegħu matul il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), huwa naqas milli jagħmel dan. Ir-rikorrent kellu wkoll opportunità jagħmel il-kontro-eżamijiet tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni, liema kontro-eżamijiet jirriżulta li saru, u għalhekk ċertament li ma jistax jargumenta li huwa kien imċaħħad minn smigħ xieraq sempliċement għaliex il-

Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) sabet ħtija, billi jirriżulta li din id-deċiżjoni l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) waslet għaliha wara li kkunsidrat dak li qalu għadd ta' xhieda u diversi provi ċirkostanzjali oħra. Fil-każ odjern kien hemm ukoll l-interessi tas-soċjetà u tal-vittmi x'jiġu mħarsa, u għalhekk din il-Qorti tqis li meta wieħed jikkonsidra jekk il-proċeduri meħuda fit-totalità tagħhom kinux tali li pprovdew smigħ xieraq lir-rikorrent, il-konklużjoni għandha tkun li ma kien hemm l-ebda leżjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent għal smigħ xieraq.

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

1) **Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati, u tgħaddi sabiex tilqa' l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha tagħhom;**
2) **Tiċħad it-talbiet tar-rikorrent u ssib li ma kien hemm l-ebda leżjoni tal-jedd fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mir-rikorrent.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**